**10 ta' Novembru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S., President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
***Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.***

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Raymond Brincat

**Digriet tal-Qorti Kriminali fil-Kors ta' Ġuri – Appellabilità**

*Wara li l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le u sa meta l-istess akkużat ikun ġie misjub ħati fuq l-att ta' akkuża, ma hemm lok għal ebda appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi l-liġi ma tikkontemplax appelli matul dan il-perijodu.*

Il-Qorti: –

Rat id-digiret ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tas-7 ta' Novembru, 1989 li biha ddeċidiet li l-ġurija għandha tara l-*video* Dokument MS sħiħ, apparti biss is-sekwenza relattiva għall-awtopsja u konsegwentement waqt il-wiri tiegħu l-*video* għandu jitwaqqaf fil-mument preċiż meta tkun ser tibda l-awtopsja;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Raymond Brincat ippreżentat fid-9 ta' Novembru, 1989 li bih filwaqt li interpona appella mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata u konsegwentement tordna li fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja dan il-*video tape* m'għandux jintwera lill-ġurija;

Rat l-atti rilevanti inkluż il-verbal li sar mill-Ewwel Qorti wara li ngħata d-digriet tagħha issa appellat;

Rat il-verbal tas-seduta tallum minn fejn jirriżulta li quddiemha din il-Qorti għandha preġudizzjali x'tiddeċidi u ċjoè

l-kwistjoni ta' l-inappellabilità tad-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan l-istadju;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni ta' l-appellabilità o meno f'każijiet ta' digrieti li jingħataw mill-Qorti Kriminali fil-kors tal-ġuri wara li l-akkużat ikun wieġeb jekk hux ħati jew le diġà ġiet deċiża minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha *in re* Repubbblika ta' Malta *vs* Anthony Mifsud ta' l-10 ta' Ġunju 1985, Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Joseph Hallet tat-23 ta' Frar, 1977 u Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Gioacchino *sive* Jack Pace tal-15 ta' Novembru, 1988;

Fit-termini ta' din il-ġurisprudenza bbażata fuq il-liġi, wara li l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le u sa meta l-istess akkużat ikun ġie misjub ħati fuq att ta' akkuża m'hemm lok għal ebda appell lil din il-Qorti, billi l-liġi ma tikkontemplax appelli matul dan il-perijodu u mhux leċitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-leġislatur ma jkunx ta dan id-dritt;

Obiter, din il-Qorti trid tosserva wkoll, in kwantu l-appellant qed jilmenta li d-digriet ingħata qabel ma spiċċa jittratta l-każ tiegħu u jidher li l-Ewwel Qorti b'xi mod fehmet li kien spiċċa t-trattazzjoni tiegħu, li trattandosi ta' digriet interlokutorju li jista' jiġi revokat *contrario imperio* mill-istess Qorti li tatu li għandha anki d-dritt li timmodifika l-preġudizzju ilmentat stante li dan l-appell ser jiġi ddikjarat irritu u null, ma jeżistix;

Għal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' l-akkużat Brincat bħala irritu u null u konsegwentement ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-atti qed jiġu rrinvjati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.